

Paġna ewlenija>Leġiżlazzjoni u każistika>Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)
Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Estonja

Sa mill-2018 kien possibbli li jsir tiftix fil-każistika Estonjana li għet ippubblikata u li hija fis-seħħ bl-użu tal-ECLI, l-Identifikatur Ewropew tal-Każistika. Huwa aktar faċli u aktar rapidu li ssib il-każistika Estonjana billi tuża l-identifikatur. L-adozzjoni tal-ECLI tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-*data* miftuħa. L-ECLI żdied ukoll fil-paġna tal-*metadata* għall-każistika, li tinfetaħ fir-riżultati tat-tiftix.

L-ECLI żdied mal-każistika kollha tal-Qorti Suprema u qrati tal-kontea u distrettwali mit-tieni nofs tal-2016.

Il-każistika ppubblikata ilha tingħata ECLI mit-tieni nofs tal-2016, u n-numru huwa magħmul minn ħames komponenti separati b'żewġ punti (pereżempju ECLI: EE:RK:2016:1.16.2798.84).

ECLI – Identifikatur Ewropew tal-Każistika; EE – identifikatur tal-pajjiż; RK – identifikatur tal-qorti; 2016 – is-sena tal-pubblikazzjoni; 1.16.2798.84 – (eż. 1-16-2798/84) fin-numru tal-kawża tal-qorti, is-simboli “-” u “/” jiġu sostitwiti b’tikek u n-numru ta’ kontroll sekwenzjali “84” jiżdied fl-aħħar.

In-numru tal-ECLI jista’ jintuża wkoll bħala URL u t-tiftix jista’ jsir bl-użu tal-loġika li ġejja (fejn “*kohtulahendid*” tfisser “każistika”):

.../kohtulahendid/ecli/ECLI:EE – il-każistika kollha b'ECLI

.../kohtulahendid/ecli/ECLI:EE:RK:2016 – il-każistika kollha tal-Qorti Suprema fl-2016

.../kohtulahendid/ecli/ECLI:EE:RK:2016:1.16.2798.84 – sentenza speċifika tal-Qorti Suprema

L-identifikaturi tal-qorti huma kif ġej:

RK – il-Qorti Suprema

TLRK – il-Qorti Distrettwali ta@ Tallinn

TRRK – il-Qorti Distrettwali ta' Tartu

TLHK – il-Qorti Amministrattiva ta' Tallinn

TRHK – il-Qorti Amministrattiva ta' Tartu

HMK – il-Qorti tal-Kontea ta' Harju

PMK – il-Qorti tal-Kontea ta' Pärnu

TMK – il-Qorti tal-Kontea ta' Tartu

VMK – il-Qorti tal-Kontea ta' Viru

L-aħħar aġġornament: 07/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.